# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **450/2021 (AJD)**

## SILVIANNE BARTOLO (KI 107779M)

**vs**

## BRYDEN AZZOPARDI (KI 104090M) U
## B & A WORKS SERVICES LIMITED (C75583)
**SOLIDALMENT U INDIVIŻAMENT BEJNIETHOM**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 4 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas u rifużjoni ta' bilanċ dovut lir-rikorrenti mill-intimati fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000), kif eventwalment ridott għal tletin elf Ewro (€30,000), permezz ta' rikors ta' Silvianne Bartolo preżentat fl-għaxra (10) ta' Mejju 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-għaxra (10) ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti Silvianne Bartolo ikkonfermat bil-ġurament tagħha u talbet kif isegwi:

   a. Illi l-intimati ffirmaw konvenju mar-rikorrenti datat tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2020 għat-trasferiment ta' garaxx għall-prezz ta' mija u ħamest elef Ewro (€105,000);

   b. Illi r-rikorrenti kienet laħqet ħallset lill-intimati s-somma kumplessiva ta' ħamsa u disgħin elf Ewro (€95,000) u dana in kwantu għas-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) fi flus likwidi, u in kwantu għal ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000) b'valur ta' diversi vetturi kif indikati fl-imsemmi konvenju;

   c. Illi dan il-konvenju kien soġġett li l-intimati jakkwistaw il-proprjeta' in vendita' mingħand terzi, u dana skont klawsola numru erbatax (14) tal-imsemmi konvenju;

   d. Illi llum jirriżulta illi t-trasferiment tal-proprjeta' skont l-imsemmi konvenju ma jistax javvera ruħu, u dana ġie wkoll ammess mill-intimati nfushom, tant illi l-konvenju tal-intimati mat-terzi ġie wkoll xolt;

   e. Illi konsegwentement l-intimati ħallsu lura lir-rikorrenti l-ekwivalenti tas-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) mis-somma mħallsa, u dana billi għaddew lura l-pussess ta' żewġ vetturi għall-imsemmi valur, u cioe, tal-marka Mercedes u Navara rispettivament;

   f. Illi għalhekk l-intimati indiviżament bejniethom għad għandhom iħallsu u jirrifondu lura lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000) in linea tad-depożitu mħallas mir-rikorrenti lill-intimati akkont fuq il-konvenju u fil-mora tal-konvenju;

   g. Illi l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jirrifondu lura l-imsemmija somma bilanċjali, iżda minkejja illi kkonfermaw li l-ammont

huwa dovut, stqarrew li ma għandhomx mezzi suffiċjenti sabiex jagħmlu dan il-ħlas fl-intier tiegħu;

h. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti hija personalment;

i. Illi l-intimati ġew interpellati għall-ħlas tal-ammont hawn fuq imsemmi diversi drabi iżda baqgħu inadempjenti;

j. Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut, u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu għat-talbiet attriċi;

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili; u

   ii. Tikkundanna lill-intimati jħallsu indiviżament bejniethom l-ammont kumplessiv ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000), flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sal-pagament effettiv;

   Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra legali tal-20 t'April 2021, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 576/2021, kontra l-intimati;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, l-ewwel (1) ta' Ġunju 2021, b'ordni lill-konvenuti sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u jwieġbu għat-talba tal-attriċi, u, fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi;

5. Permezz ta' nota ġuramentata preżentata ai termini tal-**Artikolu 170(1) tal-Kap 12** nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2021, l-intimati Bryden Azzopardi u s-soċjeta' B & A Works Services Limited attakkaw il-

proċedimenti magħmula mill-attriċi bħala mhux regolari jew ossia ma japplikawx għall-każ in eżami, u dan għal diversi raġunijiet;

6. Il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tal-istess nota ġuramentata, u wara li semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-kovenuti waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Ġunju 2021, ikkonċediet lill-konvenuti terminu t'għoxrin (20) ġurnata sabiex jippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet ai termini tal-**Artikolu 170(2) tal-Kap 12**;

7. Permezz ta' risposta ġuramentata preżentata nhar it-tmintax (18) ta' Ġunju 2021, l-intimati Bryden Azzopardi u s-soċjeta' B & A Works Services Limited eċċepew illi:

   a. Primarjament, l-esponenti Bryden Azzopardi huwa d-Direttur (*sole director)* tas-soċjeta' B & A Works Services Limited, u b'hekk kien qed jassumi għall-istess soċjeta' tali risposta ġuramentata;

   b. L-intimat ikkonferma illi permezz ta' konvenju datat 22 t'Ottubru 2020, huwa f'ismu u in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata, kien ftiehem mal-attriċi rikorrenti Silvianne Bartolo sabiex jittrasferixxi garaxx bin-numru erbgħa (4), *semi-basement*, aċċessibbli minn Triq Gunglienu u Triq Amleto Spiteri ġewwa Ħal Qormi, għall-prezz komplessiva ta' mija u ħamest elef Ewro (€105,000);

   c. Dan il-bejgħ ma setax iseħħ kaġun ta' maniġġi minn warajh sabiex l-istess garaxx ma jottjeniehx hu, cioe l-intimat, iżda terzi, u ta' dan ir-rikorrenti attriċi flimkien ma' wliedha subien kienu ben konxji;

   d. Meta ġie a konoxxenza tal-partijiet illi l-istess konvenju msemmi kien sfaxxa stante illi l-intimat ma setax jesegwixxi konvenju ieħor fuq l-istess post, din id-darba sabiex jakkwistah huwa stess, huwa kien għadda lura s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) f'kontanti lil ulied l-attriċi ħdejn il-pont ġo Ħal Qormi, iżda fir-rikors promotur tagħha l-attriċi naqset milli ssemmi dan il-fatt u tgħid illi ġiet mrodda lura vettura b'valur t'għaxart elef Ewro (€10,000);

e. Fil-fatt l-intimat għadda żewġ vetturi, cioe Mercedes E Class bin-numru tar-reġistrazzjoni FBU 402 b'valur ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000), kif ukoll vann Navara *pick-up* bin-numru tar-reġistrazzjoni NAL 198 stmat b'valur ta' tnax-il elf Ewro (€12,000). L-intimat allega illi l-attriċi kienet qed tistma l-Mercedes b'valur t'€10,000 u n-Navara b'valur ta' €5,000 għal skopijiet xejn sinċiera;

f. L-intimat żamm għandu tliet vetturi, u cioe Mercedes Bluetec Saloon bin-numru tar-reġistrazzjoni KCB 843 stmata li tiswa €17,000, li l-attriċi qed tistma b'valur ta' €30,000, Toyota Cabin *pick-up* bin-numru tar-reġistrazzjoni ECF 863 stmat illi jiswa €12,000, li l-attriċi qed tistma b'valur ta' €20,000, u Toyota Auris tas-sena 2007 b'valur ta' €2,000, lil l-attriċi qed tistma b'valur ta' €5,000;

g. Kaġun ta' dan in-nuqqas ta' qbil dwar il-valuri tal-vetturi li jammonta għal eluf t'Ewro, użati sabiex ikunu trasferiti fuq l-intimati bħala ħlas u għas-saldu tal-akkwist tal-immobbli garaxx imsemmi fil-konvenju, l-attriċi ressqet talba għall-proċedura tal-giljottina, u cioe bid-dispensa mis-smiegħ, stante illi l-intimat allegatament ma kellux difiża xi jressaq, iżda l-intimat kien qiegħed jikkonferma illi hemm distakk konsiderevoli fil-valuri tal-vetturi illi l-attriċi kienet ippremettiet illi tgħaddi bħala ħlas għal tali akkwist tal-garaxx;

h. B'hekk kien jeħtieġ illi jiġi appuntat espert indipendenti sabiex f'każ illi l-partijiet jibqgħu ma jiftiehmux dwar l-eventwali ħlas tal-bilanċ rimanendi mill-intimat lill-attriċi, ikun stabbilit il-prezz u valur veru u attwali tal-vetturi mrodda ġia lura lill-attriċi, kif ukoll ta' dawk li l-intimat żamm fil-pussess tiegħu;

i. Waqt li kien abbozzat u ffirmat il-konvenju datat 22 t'Ottubru 2020, l-istess vetturi indikati ma kinux ġew ivvalutata, u b'hekk anke l-istess konvenju ma setax jingħad illi sar skont il-liġi u regolamenti dwar it-trasferimenti ta' immobbli, li jinkludu t-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar boll dovut fuq bejgħ u akkwisti ta' immobbli;

8. B'hekk, għar-raġunijiet premessi, l-intimati talbu illi ssir valwazzjoni attwali u vera tal-vetturi li kienu ndikati fil-konvenju suriferit, sabiex ikun likwidat l-ammont fattwali illi l-attriċi għandha tirċievi għas-saldu tal-konvenju datat 22 t'Ottubru 2020 abbozzat min-Nutar Pubbliku Dr Tanya Farrugia;

9. L-intimati talbu wkoll illi t-talbiet imressqa fir-rikors promotur ikunu miċħuda, u dan prevja l-likwidazzjoni attwali tal-vetturi li ġew mgħoddija lura lill-attriċi jew lil uliedha, kif ukoll tal-vetturi li għadhom fil-pussess tal-esponenti sakemm issir tali valwazzjoni likwidata.

   Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 576/2021 kontra l-attriċi;

10. Sussegwentement, b'rikors preżentat nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju 2021, Silvianne Bartolo informat lil din il-Qorti illi bi żvista, fir-rikors ġuramentat tagħha, hija kienet naqset milli ssemmi illi kienet tħallset lura s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) fi flus kontanti, u għalhekk talbet il-korrezzjoni tar-rikors ġuramentat tagħha sabiex jirrifletti dan il-fatt, ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap 12;

11. Permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju 2021, il-Qorti tat lill-konvenuti għaxart (10) ijiem żmien sabiex jirrispondu għat-talba tal-attriċi sabiex issir il-korrezzjoni relattiva;

12. B'nota preżentata nhar il-11 t'Awwissu 2021, il-konvenuti informaw lill-Qorti illi huma ma kellhom l-ebda oġġezzjoni illi ssir il-korrezzjoni relattiva.

**Il-Qorti**

13. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta' Silvianne Bartolo u d-dokumenti annessi miegħu;

14. Reġgħet rat id-digriet tat-12 ta' Mejju 2021;

15. Reġgħet rat in-nota ġuramentata ta' Bryden Azzopardi u B & A Works Services Limited;

16. Reġgħet rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti kkonċediet lill-konvenuti għoxrin (20) jum sabiex jippreżentaw nota t'eċċezzjonijiet;

17. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata ta' Bryden Azzopardi u B & A Works Services Limited;

18. Reġgħet rat ir-rikors ta' Silvianne Bartolo tal-15 ta' Lulju 2021, id-digriet tagħha stess tal-21 ta' Lulju 2021, u r-risposta tal-konvenuti tal-11 t'Awwissu 2021;

19. Rat l-iskrittura esebita mill-attriċi Silvianne Bartolo waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 u konfermata bil-ġurament tagħha, immarkata bħala **Dok SB1**;

20. Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti ntalbet mill-intimati sabiex takkorda żmien lill-intimati għall-eventwali ħlas skont l-iskrittura mmarkata **Dok SB1**, minħabba illi l-kredituri tal-intimati li m'humiex parti fil-kawża jinsabu morużi f'pagamenti li għandhom jagħtu lill-konvenut. Mill-banda l-oħra, l-attriċi opponiet għal din it-talba għal diversi raġunijiet, u cioe:

    a. Terzi debituri li għandhom jagħtu lill-intimati m'humiex parti minn din il-kawża u għalhekk m'għandha tingħata l-ebda konsiderazzjoni mill-Qorti f'dan ir-rigward;

    b. Il-mertu tal-kawża issa ġie kristalizzat u determinat skont skrittura privata bejn il-partijiet tal-24 t'Awwissu 2021, li jiddetermina l-ammont bilanċjali dovut, li llum huwa ta' €30,000, stante illi d-differenza mill-ammont oriġinarjament mitlub ġie saldat fil-mori tal-kawża;

c. In oltre, il-partijiet kienu waslu għall-ftehim skont l-iskrittura preżentat fl-atti tal-kawża, u, peress illi l-intimat naqas li jħallas entro t-terminu miftiehem ta' ħmistax-il jum mid-data tal-iskrittura is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000), kif ukoll naqas milli jħallas l-ewwel pagament ratealment sħiħ skont l-iskrittura ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), l-intimat tilef il-benefiċċju tat-terminu. Għaldaqstant l-ammont kollu huwa dovut skont l-istess skrittura, u r-rikorrenti kienet qed titlob illi l-kawża għandha titħalla għas-sentenza;

21. Rat in-nota preżentata mill-attriċi waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 illi permezz tagħha t-talba ġiet ridotta għas-somma ta' €30,000 skont il-ftehim li ġie esebit waqt l-istess seduta;

22. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

23. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi għalkemm oriġinarjament l-ammont mitlub mill-attriċi kien ta' €75,000, esklużi imgħaxijiet u spejjeż legali dovuti, eventwalment dan l-ammont ġie ridott għal €30,000 ai termini tal-iskrittura bejn il-partijiet (ara **Dok SB1** preżentat waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 u n-nota tal-attriċi preżentata waqt l-istess seduta). **Għaldaqstant, il-Qorti sejra tikkonsidra s-somma ta' €30,000 bħala dik pretiża mill-attriċi permezz tal-kawża odjerna**;

24. Dwar il-validita' tal-iskrittura jidher illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet; iżda mit-talba tal-intimati waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, il-Qorti fehmet illi l-punt ta' kontendenza bejn il-partijiet kien jikkonċerna l-perjodu konċess lill-intimati għall-ħlas tal-ammont kif dovut. Difatti, waqt din is-seduta, il-konvenuti talbu illi jiġi konċess lilhom żmien ulterjuri sabiex iħallsu l-bilanċ lill-attriċi ai termini tal-iskrittura, u dan in konsiderazzjoni tal-fatt illi jidher illi l-konvenuti għandhom problemi ta' likwidita' finanzjarja stante illi hemm terzi debituri (illi mhumiex parti mill-kawża odjerna) tal-

konvenuti illi jinsabu moruži f'pagamenti lill-konvenuti. Mill-banda l-oħra, in suċċint, l-attriċi opponiet għal din it-talba tal-konvenuti, stante illi: (a) il-ftehim ġie kristalizzat permezz tal-iskrittura tal-24 t'Awwissu 2021, u (b) la l-attriċi nnifisha u lanqas id-dejn dovut lilha, m'għandhom xejn x'jaqsmu mat-terzi debituri tal-konvenuti. **Din il-Qorti laqgħet waqt l-istess seduta t-talba tar-rikorrenti sabiex tingħata sentenza a bażi tal-istess ftehim**;

25. Dwar l-interpretazzjoni ta' skrittura, ingħad illi, *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat, u li hi l-volonta' tal-kontrenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda."*[1]

26. L-istess ġie ritenut ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Galea et vs Herman Mizzi et***[2]:

> *Skont l-**Art 1002 tal-Kap 16**, fejn il-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni (ara: Prim'Awla: **Sciberras Trigona vs Aneico**: 6 ta' Ottubru 1883: **Spiteri vs Borg** – Prim'Awla – 30 ta' Novembru 2000; **Borg vs Xuereb** – Appell Ċivili – 30 ta' Marzu 1997; Qorti tal-Appell: **John Zammit et vs Michael Zammit Tabone et noe**: 28 ta' Frar 1997)*
>
> *Fl-applikazzjoni tar-regoli tal-interpretazzjoni mhijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma dak li għandu jgħodd huwa l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat*

[1] ***Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines,*** Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 1998. Ara wkoll, fost oħrajn, ***Av Dr Alex Perici Calascione noe et vs George Rizzo et***, Ċit Nru 964/93, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 27 ta' Ġunju 2002, Onor Imħ Raymond C. Pace, u ***Joseph Cutajar vs Middlesea Insurance plc***, Ċit Nru 187/2005, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'Ottubru 2013, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland (in ġudikat)

[2] Rik Nru 535/2016, Qorti Ċivili Prim'Awla, Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 27 ta' Frar 2020 (in ġudikat)

*mill-kontraenti. Jekk għall-ġudikant id-diċitura wżata ma tistax ma twassalx oġġettivament għal sens ċar u univoku, hu dan is-sens li għandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taħt eżami.*

*Il-Qorti tisħaq illi fejn il-konvenzjoni tirrżulta ċara u mill-volonta' tal-kontraenti liberament espressa, tirriżulta inekwivoka, mhux leċitu għall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li la tirriżulta mid-diċitura tal-ftehim u lanqas minn ċirkostanzi oħra. Għalhekk fejn is-sinjifikat tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volonta' tal-kontraenti ma jkunx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura sinjifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa: in claris non fit interpretatio.*

27. Din il-Qorti kif diversement presjeduta tagħmel ukoll fl-istess sentenza appena ċitata referenza għall-erba' prinċipji elenkati mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et***[3]:

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali (Appell 31 ta' Mejju 1943 in re "Farrugia vs Piscopo", Kollez. Vol. XXXI, parti I, paġ 627);*

[3] Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 ta' Mejju 1952

*2. Għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu diluċidati punti oskuri ta' kitba jew f'xi każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, iżda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġa' ċar (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs Mamo", Kollez. Vol. XXXI, part I, paġ 441);*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontreaenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabili ma' l-att (App 17 ta' Jannar 1917, in re "Muscat vs Fiteni", Kollez Vol XXIII-I-780; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937 in re "Mifsud vs Mifsud", Kollez XXIX-II-1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs Anastasi");*

*4. Il-prinċipju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa' jseħħ sakemm l-qorti ma tkunx persważa illi hemm żball fil-kuntratt, jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali;*

28. **Il-Qorti hija tal-fehma illi l-iskrittura mmarkata Dok SB1 hija ċarissima u m'għandha l-ebda dubju (għaliex lanqas inġabet xi prova f'dan is-sens) illi l-partijiet resqu għall-istess ftehim b'mod liberu. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tagħti xi interpretazzjoni differenti jew tagħti xi ordni illi tkun diversa għal dak espressament miftiehem bejn il-partijiet;**

29. Il-Qorti tinnota illi fl-iskrittura mmarkata **Dok SB1**, minbarra illi qablu dwar ir-riduzzjoni fl-ammont dovut mill-konvenuti lill-attriċi għas-somma ta' €30,000, il-partijiet qablu espressament illi:

*[...] fit-tieni lok id-debitur qiegħed jikkostitwixxi ruħu bħala debitur fis-somma ċerta, likwida u dovuta ta' tletin elf Ewro (Euro 30,000) hawn fuq imsemmija rappreżentanti l-kreditu bilanċjali dovut, a favur il-kreditur aċċettanti fis-somma hawn fuq imsemmija.*

*Id-debitur qiegħed jobbliga ruħu illi jħallas l-ammont hawn fuq imsemmi nkwantu għas-somma ta' ħamest elef Ewro (Euro 5000) jitħallsu sa żmien ħmistax[-il] ġurnata [mil-lum], fil-bilanċ permezz ta' pagamenti ratejali u mensili ta' elf u ħames mitt Ewro (Euro 1500) u mingħajr imgħax, b'dan illi kemm-il darba d-debitur jonqos li jħallas entro t-terminu lilu konċess, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ammont kollu jiġu dovut f'daqqa bl-imgħax legali kontra tiegħu [mil-lum] sal-pagament effettiv.*

30. Il-fatt illi l-bilanċ għadu dovut fl-intier tiegħu, u cioe fl-ammont sħiħ ta' tletin elf Ewro (€30,000), jidher illi huwa fatt illi ma ġiex kontestat. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Joseph Xerry et***[4]:

*Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:*

*"Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd*

[4] Rik Nru 1278/2008, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 10 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

> *għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'" – "**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri",** Qorti Ċivili, Prim'Awla, per Imħ Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970"* [Taliana Carmen v. Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA(PS)]

Fil-każ odjern, l-attriċi tippreżenta bil-ġurament tagħha l-iskrittura tal-24 t'Awwissu 2021, illi permezz tagħha l-konvenuti kkostitwixxew rwieħhom debituri tal-attriċi fis-somma ta' €30,000, biex b'hekk ġabet prova illi jeżisti d-debitu u illi huwa dovut mill-konvenuti. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti ma ġabu l-ebda prova illi effettivament huma għamlu xi ħlas akkont ai termini tal-iskeda ta' pagamenti kif miftiehma fl-iskrittura bejn il-partijiet. **Għaldaqstant, il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni illi l-attriċi kellha raġun meta, tramite l-legali tagħha, sostniet in risposta għat-talba tal-konvenuti waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 illi l-pagamenti ma kinux qed isiru ai termini tal-kundizzjonijiet miftiehma fl-iskrittura tal-24 t'Awwissu 2021**;

31. Il-Qorti tinnota illi l-attriċi tat diversi opportunitajiet lill-konvenuti sabiex iħallsu d-dejn lilha dovut. Wara illi kellha tintavola l-kawża odjerna u mandat ta' sekwestru kawtelatorju sabiex tipprova tiġbor il-flus lilha dovuti, l-attriċi aċċettat illi l-ħlas tal-bilanċ kif dovut isir f'numru ta' pagamenti għall-konvenjenza tal-konvenut. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti ngħataw biżżejjed konċessjonijiet, u li issa sta għalihom illi jekk għandhom id-dejn x'jiġbru mingħand terzi debituri, jieħdu dawk il-passi kollha illi testendilhom il-liġi sabiex jaraw illi jkollhom il-mezzi finanzjarji biex iħallsu lill-attriċi. M'għandhiex tkun ta' sorpriża għall-konvenuti illi l-Qorti sejra għalhekk

tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża ai termini tal-klawsola fl-iskrittura illi tirrigwarda morożita' fil-pagamenti;

32. Għaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl tal-premess u in konsiderazzjoni ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fl-iskrittura tal-24 t'Awwissu 2021, tqis illi:

a. **Stante illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu kwalsiasi ħlas akkont f'pagamenti rateali kif miftiehem, l-ammont dovut għadu dak ta' €30,000;**

b. **L-ammont sħiħ qiegħed jiġi dikjarat dovut, b'dana illi l-konvenuti qed jitilfu l-benefiċċju illi jiġi konċess lilhom żmien għall-eventwali ħlas tal-ammont dovut;**

c. **Il-konvenuti huma ordnati jħallsu wkoll imgħax legali fuq l-ammont ta' €30,000, dekorribbli mill-24 t'Awwissu 2021 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Decide**

33. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tiddikjara** illi l-ewwel talba diġa' ġiet sorvolata waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju 2021;

(ii) **Tilqa'** t-tieni talba attriċi in kwantu tikkundanna lill-konvenuti jħallsu indiviżament bejniethom is-somma kumplessiva ta' tletin elf Ewro (€30,000); iżda **tiċħad** l-istess talba in kwantu tali talba tirreferi għal imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) **Tordna** minflok lill-konvenuti jħallsu wkoll indiviżament bejniethom l-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-24 t'Awwissu 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet ai termini tal-iskrittura tal-24 t'Awwissu 2021.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**